

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Frar 2010 — Google vs UASI (ANDROID)(Kawża T-316/09) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Rifjut ta’ reġistrazzjoni — Limitazzjoni tal-lista tal-prodotti li għalihom intalbet ir-reġistrazzjoni — Irtirar tal-oġġezzjoni għar-reġistrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2010/C 113/74)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Google, Inc. (Mountain View, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. Bognár u M. Kinkeldey, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Mejju 2009 (Każ R 1622/2008-2), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark verbali ANDROID bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

(2) Ir-rikorrenti u l-konvenuta għandhom ibagħtu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 244, 10.10.2009.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2010 — Henkel vs UASI — JLO Holding (LIVE)(Kawża T-414/09) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Talba għal revoka — Irtirar tat-talba għal revoka — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2010/C 113/75)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Henkel AG & Co. KGaA (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment C. Milbradt, sussegwentement C. Milbradt u H. Van Volxem, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: B. Schmidt, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: JLO Holding Company, LLC (Santa Monica, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Klett, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Lulju 2009 (Każ R 609/2008-1), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Henkel AG & Co. KGaA u JLO Holding Company, LLC.

Dispożittiv

(1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

(2) Kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 312, 19.12.2009

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Marzu 2010 — GL2006 Europe vs Il-Kummissjoni u OLAF

(Kawża T-435/09 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Programmi Komunitarji ta' riċerka u ta' żvilupp teknoloġiku — Klawżola ta' arbitraġġ — Ordni ta' rkupru — Nota ta' debitu — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Dannu finanzjarju — Nuqqas ta' ċirkustanzi eċċezzjonali — Nuqqas ta' urġenza”)

(2010/C 113/76)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: GL2006 Europe Ltd (Birmingham, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Gardenal u E. Belinguier-Raiz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Delaude u N. Bambara, aġenti, assistiti minn T. Van der Hout, avukat)

Nru 1190/2005 ⁽⁴⁾, u/jew tannulla r-Regolamenti tal-Kummissjoni Nru 14/2005, Nru 492/2007, u Nru 1190/2005, sa fejn jikkonċernaw direttament u individwalment lir-rikorrenti; u

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni inkluża fl-ittra tal-Kummissjoni tal-10 ta' Lulju 2009 li tittermina l-partiċipazzjoni tar-rikorrenti f'żewġ proġetti Komunitarji u n-noti ta' debitu maħruġa fis-7 ta' Awwissu 2009 li permezz tagħhom il-Kummissjoni talbet ir-rimbors tas-somom mogħtija fil-kuntest tal-proġetti Komunitarji li pparteċipat fihom ir-rikorrenti.

— tikkundanna lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Dispożittiv

- (1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkunsidrata bħala l-unika konvenuta.
- (2) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- (3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti jitolbu, skont l-Artikolu 230 KE, l-annullament tar-Regolament tal-Kunsill Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, kif emendat bir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 14/2005, tal-5 ta' Jannar 2005, Nru 492/2007 tat-3 ta' Mejju 2007, u 1190/2005 tal-20 ta' Lulju 2005 u/jew l-annullament tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 14/2005, Nru 492/2007, u 1190/2005, sa fejn jirrigwardaw lir-rikorrenti.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2009 — Al-Faqih u MIRA vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni

(Kawża T-322/09)

(2010/C 113/77)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Ir-rikorrenti kienu inklużi fil-lista konsolidata, tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, ta' individwi u entitajiet allegatament assoċjati ma' Usama bin Laden, Al-Qaida u n-network Taliban, li l-fondi u riżorsi finanzjarji oħra tagħhom għandhom jiġu ffriżati. Konsegwentement, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolamenti (KE) Nru 14/2005 u 1190/2005 li żiedu l-ismijiet tar-rikorrenti mal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jelenka persuni, gruppi u entitajiet koperti mill-iffriżar tal-fondi u riżorsi ekonomiċi ġewwa l-UE. L-elekar tal-ewwel rikorrent, S. Al-Faqih, ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 492/2007.

Partijiet

Rikorrenti: Saad Al-Faqih u Movement for Islamic Reform in Arabia (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Jones, Barrister u A. Raja, Solicitor)

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw il-motivi li ġejjin:

Konvenuti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea

Ir-rikorrenti jargumentaw li l-iffriżar tal-fondi tagħhom ipprovdut mir-regolamenti kkontestati, jikser id-drittijiet fundamentali tagħhom, b'mod partikolari, id-dritt għal smigħ u d-dritt għal sħarriġ ġudizzjarju effettiv, inkwantu huma qatt ma ġew informati mill-Kunsill u/jew mill-Kummissjoni bir-raġunijiet għaliex ġew inklużi fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 u qatt ma rċiew provi li jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' miżuri ristrettivi. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma kellhom ebda opportunità li jiddefendu ruħhom jew li jikkontestaw d-deċiżjonijiet tal-inklużjoni tagħhom quddiem il-Qrati Ewropej.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla, fl-intier tiegħu jew parzjalment, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 14/2005 ⁽²⁾, Nru 492/2007 ⁽³⁾, u